**QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 128 / 17/ 1RGM

Kawza fil-lista: 11

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-attriciipprezentat fl-14 ta' Awwissu 2017 fejn talbet l-isfilz tar-risposta mahlufa u l-kontro-talba tal-konvenut u li jaqra kif gej:-

Illi l-esponenti giet notifikata bir-risposta mahlufa tal-konvenut li fiha ukoll kontro-talba;

Illi waqt is-seduta tas-6 ta' Lulju 2017 il-kawza kienet giet differita ghat-trattazzjoni dwar jekk il-konvenut mhux kontumaci jew le;

Illi l-verbal jghid hekk:

"Dr Maxilene Ellul tirrileva illi l-konvenut kellu sal-hin illi ssejhet il-kawza odjerna sabiex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu u fin-nuqqas ghandu jitqies illi huwa kontumaci.

Dr Abela ghall-konvenut jissottometti illi l-konvenut ghandu 20 jum mid-data tan-notifika, biex jirrispondi tant li dan it-terminu huwa stampat fuq l-avviz fl-ewwel pagna tar-rikors promotur u ghalhekk jissottometti li l-konvenut mhux kontumaci.

Il-kawza qed tigi differita ghas-26 ta' Settembru 2017 fid-9.30am ghat-trattazzjoni dwar jekk il-konvenut hux kontumaci jew le. "

Illi l-konvenut iddecieda li jipprezenta risposta u kontro-talba xorta wahda;

Illi l-esponenti giet notifikata fit-2 ta' Awissu u ghalhekk hija trid direzzjoni mill-Qorti fir-rigward tal-validita ta' din ir-risposta tenut kont li hemm ukoll kontrotalba;

Illi l-ligi senjatament l-artikolu 158(13) tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta tipprovdi minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, meta l-qorti tkun stabbiliet jum ghas-smigh tal-kawza qabel iz-zmien stabbilit biex tigi pprezentata r-risposta guramentata skont dan l-artikolu, il-konvenut ghandu jipprezenta r-risposta guramentata mhux iktar tard jipprezentahom quddiem il-qorti f'dik is-seduta u jinnotifika kopja taghhom lill-attur billi jaghti kopja, lilu iew lill-avukat tieghu f’dik l-istess seduta;

Illi l-esponenti ghandha sat-22 ta' Awissu sabiex tirregola l-posizzjoni taghha nkwantu hemm htiega ta' risposta mahlufa ghall-kontro-talba tal-konvenut;

Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors urgenti;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

Minghajr il-htiega ta' ebda notifika lill-konvenut tordna l-isfilz tar-risposta mahlufa u l-kontro-talba tenut kont li dawn saru:

i. Tardivi

ii. Saru allavolja l-kawza kienet differita ghal trattazzjoni fuq il-kontumacja o meno;

iii. Ma kienx hemm ebda awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex tigi pprezentata r-risposta;

iv. Peress li l-artikolu 158(13) tal-Kap 12 jispecifika t-terminu meta trid tidhol ir-risposta u din ma saritx fiz-zmien stipulat;

u dan salv ghall clawk l-ordnijiet u prowediment li joghgobha tippreffiggi;

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici tal-21 ta' Awissu 2017 ghall-kontro-talba pprezentata mill-konvenu fejn gie eccepiet in forma preliminari s-segwenti:-

Preliminari - Illi l-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonat ghandha tigi sfilzata, bl-ispejjez kontra tieghu u dana ghas-segwenti ragunijiet:

Illi waqt is-seduta tas-6 ta' Lulju 2017 il-kawza kienet giet differita ghat-tattazzjoni dwar jekk il-konvenut mhux kontumaci jew le;

Illi l-verbal jghid hekk: "Dr Maxilene Ellul tirrileva illi l-konvenut kellu sal-hin illi ssejhet il-kawza odjerna sabiex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu u fin-nuqqas ghandu jitqies illi huwa kontumaci. Dr Abela ghall-konvenut jissottometti illi l-konvenut ghandu 20 jum mid-data tan-notifika biex jirrispondi tant li dan it-terminu huwa stampat fuq l-avviz fl-ewwel pagna tar-rikors promotur u ghalhekk jissottometti li l-konvenut mhux kontumaci. Il-kawza qed tigi differita ghas-26 ta' Settembru 2017 fid-9.30am ghat-trattazzjoni dwar jekk il-konvenuti hux kontumaci jew le."

Illi l-konvenut iddecieda li jipprezenta risposta u kontro-talba xorta wahda;

Illi l-ligi senjatament l-artikolu 158(13) tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta tipprovdi, minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, meta l-qorti tkun stabbiliet jum ghas-smigh tal-kawza qabel iz-zmien stabbilit biex tigi pprezentata r-risposta guramentata skont dan l-artikolu, il-konvenut ghandu jipprezenta r-risposta guramentata mhux iktar tard mill-hin li fih il-kawza tkun se tinstema' l-ewwel darba u jista' wkoll jipprezentahom quddiem il-qorti f'dik is-seduta, u jinnotifika kopja taghhom lill-attur billi jaghti kopja lilu jew lill-avukat tieghu f'dik l-istess seduta;

Illi ghalhekk il-kontro-talba li giet prezentata mar-risposta tal-konvenut li ghaliha kellha tipprezenta din r-risposta mahlufa l-esponenti hija:

i. Tardiva

ii. Saret allavolja l-kawza kienet differita ghal trattazzjoni fuq il-kontumacja o meno;

iii. Ma kienx hemm ebda awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex tigi pprezentata r-risposta;

iv. Peress li l-artikolu 158(13) tal-Kapitolu 1,2 jispecifika t-terminu meta trid tidhol ir-risposta u din ma saritx fiz-zmien stipulat;

Rat il-verbal ta' l-attrici maghmul fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2017 fejn gie rilevat illi l-konvenut kellu sal-hin illi ssejhet il-kawza odjerna sabiex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu u fin-nuqqas ghandu jitqies li huwa kontumaci;

Rat il-verbal tal-konvenut fejn issottometta illi huwa ghandu ghoxrin jum mid-data tan-notifika biex jirrispondi, tant li dan it-terminu huwa stampat fuq l-avviz fl-ewwel pagna tar-rikors promotur u ghalhekk jissottometti li mhemmx kontumacja;

Rat illi l-konvenut ipprezenta ir-risposta guramentata u l-kontrotalba tieghu fis-7 ta' Lulju 2017, cioe` l-ghada ta' l-ewwel udjenza.

Rat id-Digriet taghha tas-17 ta' Awwissu 2017;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet dwar jekk il-konvenut ghandux jitqies li huwa kontumaci u dwar it-talba ta' l-attrici ghall-isfilz tar-risposta guramentata pprezentata mill-konvenut;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar il-kwistjoni tal-kontumacja u t-talba ta' l-attrici ghall-isfilz tar-risposta guramentata li allura tinkludi decizzjoni dwar l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-attrici fir-risposta guramentata taghha ghall-kontrotalba tal-konvenut u decizzjoni dwar ir-rikors fuq citat tal-14 ta' Awissu 2017;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

L-attrici fethet kawza kontra l-konvenut b'rikors guramentat ipprezentat fit-2 ta' Gunju 2017. B'digriet taghha tas-6 ta' Gunju 2017, il-Qorti ordnat illi l-kawza titqieghed fuq il-lista tas-6 ta' Lulju 2017 sabiex tinstema'. Wara li nhareg l-avviz ta' l-appuntament tal-kawza, il-konvenut gie notifikat (i) bir-rikors guramentat ta' l-attrici, (ii) bl-imsemmi digriet tas-6 ta' Gunju 2017, kif ukoll (iii) bl-avviz ta' l-appuntament tal-kawza ghal nhar is-6 ta' Lulju 2017. Skond ir-riferta stampata a tergo ta' fol. 17 tal-process, jirrizulta illi l-konvenut gie notifikat b'dawn it-tliet atti fir-residenza tieghu, meta dawn thallew f'idejn ibnu Roderick. Il-konvenut mhux qed jikkontesta l-validita` tan-notifika u ghalhekk jitqies li jaccetta li huwa gie validament notifikat.

Illi fl-ewwel seduta f'din il-kawza fis-6 ta' Lulju 2017, il-konvenut deher personalment u kien assistit ukoll mill-avukat tieghu, izda sa dakinhar, ma kienx ghadu pprezenta r-risposta guramentata tieghu ghaliex skond hu, it-terminu ta' ghoxrin gurnata kontemplat fl-Artikolu 158(1) tal-Kapitolu 12 ghall-prezentata

tat-twegiba tieghu, kien ghadu ghaddej. Waqt l-istess udjenza, l-attrici sostniet illi fin-nuqqas tal-prezentata tar-risposta guramentata sal-hin li ssejhet il-kawza fil-gurnata ta' l-ewwel smigh taghha, il-konvenut ghandu jitqies li huwa kontumaci.

Il-konvenut ipprezenta r-risposta guramentata tieghu, b'rikovenzjoni, fis-7 ta' Lulju 2017, jigifieri wara li l-kawza kienet diga` nstemghet ghall-ewwel darba.

Ikkunsidrat;

Illi fit-trattazzjoni taghha, l-attrici ghamlet referenza ghas-subinciz (13) ta' l-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkontendi illi d-dispozizzjonijiet ta' dan is-subinciz jipprevalu fuq id-dispozizzjonijiet precedenti ta' l-istess Artikolu, senjatament is-subinciz (1) f'kaz illi sad-data ta' l-ewwel smigh fil-kawza, ma jkunx ghalaq it-terminu ta' ghoxrin jum ghall-prezentata tar-risposta guramentata skond l-imsemmi subinciz (1) ta' l-Artikolu 158. B'referenza ghat-talba taghha ghall-isfilz tar-risposta guramentata tal-konvenut, l-attrici tikkontendi li din giet prezentata minghajr ma nkisbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti li skond hi, kienet mehtiega galadarba l-Artikolu 158(13) jispecifika terminu li fih ir-risposta kellha tigi pprezentata.

Illi t-tezi tal-konvenut huwa illi huwa gie zvijat bl-avviz stampat fuq ir-rikors guramentat ta' l-attrici li jwissi espressament lill-konvenut li ghandu jipprezenta r-risposta guramentata tieghu mhux iktar tard minn ghoxrin jum mid-data meta jircievi l-att. Isostni ghalhekk il-konvenut li s-subinciz (13) ta' l-Artikolu 158 ma ghandux isib applikazzjoni fil-kaz odjern u jista' jsib riskontru biss f'kawzi urgenti. Skond il-konvenut, f'cirkostanzi fejn isib applikazzjoni s-subinciz (13) ta' l-Artikolu 158, l-inkompatibbilita` li tezisti bejn it-test tal-ligi fl-imsemmi subinciz, u t-twissija stampata fuq ir-rikors guramentat, hija raguni tajba li tiggustifika n-nuqqas tieghu illi jipprezenta r-risposta guramentata tieghu entro t-terminu li jesigi l-istess subinciz (13), cioe` sal-hin li tissejjah il-kawza fid-data ta' l-ewwel smigh.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti f'dan il-kaz trid tiddetermina jekk bin-non-osservanza tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 158(13), cioe` il-fatt li huwa naqas milli jipprezenta r-risposta guramentata tieghu sal-hin li ssejhet il-kawza ghall-ewwel darba fis-6 ta' Lulju 2017, il-konvenut ghandu jitqies bhala kontumaci, minkejja li sa dakinhar, kien ghadu ghaddej it-terminu ta' ghoxrin gurnata mid-data tan-notifika tieghu bir-rikors guramentat skond kif indikat fl-avviz stampat fuq l-istess rikors.

Il-ligi bl-Artikolu 156(1)(d), trid illi fir-rikors promotur li bih tinbeda kawza, il-konvenut jinghata avviz dwar il-konsegwenzi li jista' jkollu n-nuqqas tieghu li

jwiegeb fil-forma u fiz-zmien li trid il-ligi. Dan l-avviz jinghata mill-attur stess fl-att li bih jinfethu l-proceduri u fil-forma li jesigi l-Artikolu 156(1)(d), liema forma hija s-segwenti:-

"*Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.*
*Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.*"

Il-qorti tqis li dan l-avviz ma huwiex ta' indoli semplicement formalistiku ghaliex, oltre li l-ligi tikkontempla n-nullita` ta' l-att[1] jekk ma tinghatax din it-twissija fir-rikors li bih tinbeda l-kawza, il-parti li ghandha twiegeb tista' titqies bhala kontumaci jekk ma twegibx entro t-terminu li jrid l-Artikolu 156(1). Id-dispozizzjonijiet relevanti in materja huma dawn:-

*"158. (1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba."*
...
*"(13) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, meta l-qorti tkun stabbiliet jum għas-smigħ tal-kawża qabel iż-żmien stabbilit biex tiġi ppreżentata r-risposta ġuramentata skont dan l-artikolu, il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata mhux iktar tard mill-ħin li fih il-kawża tkun se tinstema' l-ewwel darba, u jista' wkoll jippreżentahom quddiem il-qorti f'dik is-seduta u jinnotifika kopja tagħhom lill-attur billi jagħti kopja lilu jew lill-avukat tiegħu f'dik l-istess seduta."*

Ikkunsidrat;

Illi biex il-Qorti tista' tasal biex tippronunzja ruhha dwar il-kontumacja o meno tal-konvenut fic-cirkostanzi, ikun opportun illi jigu mfissra sewwa ir-*raison d'etre* kif ukoll l-effetti ta' l-istitut tal-kontumacja.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-konvenut, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-akkuza u t-talba tal-parti attrici, ikun wera kontumelja lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi tqis li fih element ta' dizordni socjali u thares lejh bhala agir li jisthoqqlu li jigi punit bis-sanzjoni li l-kontumaci ma jkunx jista'

[1] Ara Artikoli 156(6) u 789(1), Kap. 12.

jippartecipa fil-gbir tal-provi u jikkontesta x-xhieda mressqa mill-attur[2]. Ghalhekk, il-kontumacja hija generalment meqjusa bhala mizura ta' natura punittiva li hija mehtiega sabiex tassigura rispett lejn l-atti emessi mill-Qorti.

Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tal-11 ta' Marzu 2016 fl-ismijiet ***Samchrome FZE vs Danko Koncar et***[3]***,*** ghamlet referenza ghall-kawza ***Kenneth Abela v. Aplan Limited et***[4] fejn gie rapportat:-

"*Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares* ***ad unguem****, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("****Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);*** *Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b' xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". ("****Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007);***

Fid-dawl ta' l-effetti ta' din ir-rigorozita` fl-applikazzjoni tat-termini procedurali stipulati mil-Ligi u, fil-kaz tal-kontumacja, l-effetti mill-iktar drakonjani u s-sanzjonijiet spiss irriversibbli li jgib mieghu in-non osservanza tat-terminu stipulat fl-Artikolu 158(1) ghall-prezentata tar-risposta guramentata, gie wkoll pacifikament accettat li l-istitut tal-kontumacja ghandu jigi applikat u mfissra b'mod ristrettiv[5] fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda intenzjoni ta' nuqqas min-naha tal-konvenut li jista' jammonta ghal htija, ma ghandu jkun hemm ebda diffikulta` li l-kontumaċja titqies bhala gustifikata.

---

[2] ***Dr. Aaron Attard Cavallazzi noe vs Asfaltar Limited –*** Prim'Awla 284/2014, deciza 23 Lulju 2014

[3] Rikors 843/14.

[4] Appell Civili [Inferjuri] deciza fis-6 ta' Frar 2008.

[5] ***Emanuela Gerada et vs Joseph Abela et*** - Appell Civili, deciz 17 ta' Marzu 1997, citata f'***Maria Zammit vs. Agostino Zammit***, Prim'Awla 1314/2000, deciza 11 ta' Marzu 2003.

Fl-istess hin pero`, anke jekk il-Ligi, biex ittaffi ftit mill-konsegwenzi horox taghha, tipprovdi ghall-prospett ta' gustifikazzjoni tal-kontumacja permezz tas-subinciz (10) ta' l-Artikolu 158 tal-Kap. 12, gie ritenut li l-prezenza tal-konvenut fil-proceduri, wahedha u bla raguni valida ta' gustifikazzjoni ta' kontumacja, ma jfissirx li hija bizzejjed sabiex il-konvenut jinghata l-opportunita` jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu. Altrimenti:-

*"... l-istitut tal-kontumacja jigi dilwit sal-punt li jigi rez kompletament bla effikacja u inoperattiv kull fejn il-konvenut jaghzel li jidher fl-ewwel seduta……….Din l-interpretazzjoni hi wahda li tmur kontra mhux biss kontra l-ittra u l-ispirtu tal-ligi, imma ukoll kontra kull sens ta' gustizzja procedurali kif espressa fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili….."*[6]

Illi huwa wkoll assodat fil-gurisprudenza illi trid issir distinzjoni ghall-finjiet tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja, bejn il-konvenut li juri disinteress assolut (dak li jissejjah kontumacja bi htija), u l-konvenut li juri li kien intenzjonat jikkontesta l-kawza izda ma lahaqx ghamel dan ghal raguni li ma kienx jahti ghaliha[7]. Gew diversi drabi ribaditi l-principji li jirregolaw jekk il-kontumacja hijiex kolpuza jew le[8], izda din il-Qorti tqis li l-iktar kunsiderazzjonijiet relevanti in materja saru fil-gurisprudenza l-iktar recenti tal-Qorti. In propositu, issir referenza ghar-rassenja studjata u approfondita ta' l-istitut tal-kontumacja u ta' l-izviluppi procedurali u gurisprudenzjali matul iz-zminijiet, li saret fis-sentenza ***Renato Aquilina et vs Christopher James Arthur Townsend et***[9]**,** liema taghlim, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghandu jitqies bhala l-mizura ossia l-punto di referenza ghall-kejl ta' kull kaz ta' determinazzjoni dwar kontumacja. Id-distinzjoni studjata f'dak l-istudju, bejn il-kontumacja kolpuza u dik gustifikabbli, huwa s-segwenti:-

"*Għalkemm ma baqgħetx il-ħtieġa tal-preżenza tal-konvenut biex tkun tista' ssir il-kawża, xorta waħda baqgħu it-traċċi ta' qabel li jikkastigaw lill-konvenut talli jonqos li jidher u jiddefendi lilu nnifsu. Illum il-kontumaċi huwa ppenalizzat billi ma jitħalliex jikkontradixxi l-fatti mressqin mill-attur u lanqas jitħalla jressaq il-provi tiegħu. Id-difiża tiegħu hija għalhekk imdgħajjfa sew.*

*Illi tqum il-mistoqsija kemm dan huwa ġust meta l-konvenut ma jkollu l-ebda intenzjoni li jkun tabilħaqq kontumaċi, fis-sens li jiġi jaqa' u jqum minn x'tista'*

---

[6] ***Joseph Aquilina et vs Lino Debono*** - Appell Civili, deciz fis-7 ta' Ottubru 1997.

[7] Prim'Awla: ***Gloria Beacom vs Perit Anthony Spiteri Staines***, deciza 9 ta' Dicembru 1993

[8] ***Dr. Aaron Attard Cavallazzi noe vs Asfaltar Limited –*** *supra.*

[9] Rikors 696/16/LM, deciza 11 ta' Jannar 2016.

*tiddeċiedi l-Qorti, imma ma jagħmilx dak li jkun mistenni minnu minħabba xi mpediment li ma jkollux kontroll fuqu inkella jkun aljenat, inkwetat minħabba xi problemi personali, jew ikollu avukat ittraskurat.*

*Huwa skontat li min-naħa l-waħda impediment estraneu u barra mill-kontroll tiegħu żgur li ma jammontax għall-kontumaċja; u min-naħa l-oħra mhix skużanti n-negliġenza grassa tiegħu. Imma mbagħad hemm każijiet ta' bejn dawn iż-żewġ estremi li jħallu lill-ġudikant f'konfondiment u perplessità dwar jekk il-konvenut ikunx ħaqqu jitħalla jiddefendi ruħu jew le.*

*F'każijiet bħal dawn, fejn il-konvenut għalkemm ma jkollu l-ebda intenzjoni li ma jiddefendix ruħu, u l-ebda intenzjoni li jinjora lill-Qorti, xorta waħda għal xi raġuni jew oħra li titqanqal fiċ-ċirkostanzi varjati tal-ħajja, ma jidhirx fl-udjenza inkella ma jippreżentax ir-risposta tiegħu fit-terminu mogħti mil-liġi, l-imħallfin tagħna matul iż-żmien iddeċidew daqqa favur il-konvenut u daqqa kontra skont id-disposizzjoni tagħhom, kif ukoll skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, f'każijiet bħal dawn, għandha tingħata ċerta indulġenza lill-konvenut. Il-ġudikant qiegħed hemm biex jagħmel il-ħaqq. Il-proċess ċivili huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-kontradittorju, li l-iskop pubbliku tiegħu huwa li tingħata deċiżjoni ġusta għall-kontroversji; għan li jintlaħaq ħafna aħjar jekk iż-żewġ partijiet avversarji jipparteċipaw bis-sħiħ. In-nuqqas ta' parti f'kawża ossija l-kontumaċja jista' jkollha konsegwenzi serji u għalhekk trid tiġi evitata kemm jista' jkun.*

*Il-Qorti tagħmilha ċara iżda li l-indulġenza li għandha turi ma tistax, u m'għandhiex, tkun mingħajr limitu. U l-limitu għandu jkun il-kunsiderazzjoni l-oħra, daqstant ieħor ta' ordni pubbliku, li l-kawżi m'għandhomx jitħallew jitwalu mingħajr bżonn jew b'kapriċċ tal-litigant jew tal-istess Qorti, għax dewmien bħal dan ukoll isarraf f'inġustizzja mal-kontroparti, normalment l-attur, li m'għandhiex tiġi ppreġudikata, kif ukoll mal-Istat u s-soċjetà in ġenerali li jsofru preġudizzju kbir ta' natura soċjo-ekonomika: Interest rei publicae ut sit finis litium."* [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

Ikkonsidrat;

Fil-kaz tal-lum, mizmum ferm it-taghlim appena citat, din il-Qorti tqis illi l-konvenut ghalkemm ma pprezentax ir-risposta guramentata tieghu entro t-terminu stipulat fl-Artikolu 158(13), ma ghandux jigi penalizzat billi jigi meqjus bhala kontumaci. Il-presenza tieghu fl-udjenza abbinata mal-fatt li ingagga avukat biex jidhirlu fl-istess udjenza minghajr ma halla jiskadi t-terminu espressament indikat fit-twissija stampata fuq ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici u lilu

notifikata, uriet b'mod evidenti li huwa ried jikontesta l-kawza u ma kellu ebda intenzjoni illi ma jobdix l-ordni tal-qorti. Kif jinsab ukoll deciz:-

*"Il-prezenza tal-konvenut fl-udjenza ghalhekk hija indizju li l-istess konvenut mhuwiex disubbidjenti ghall-ordni tal-Qorti u l-Qorti ghalhekk hija fl-obbligu li tindaga jekk il-prezenza fl-udjenza hix genwina jew le, u fiha jigi indagat jekk l-assenza fl-atti processwali hix gustifikata jew le. Din l-indagini hija obbligata ghaliex il-konsegwenza tal-kontumacja hija gravi in kwantu c-cahda tal-ordinament mill-konvenut tittiehed bhala rinunzja tal-konvenut ghad-dritt tieghu fundamentali fl-amministrazzjoni tal-gustizzja dak li jaghti r-ragunijiet tieghu kontra dawk ir-ragunijiet li jingiebu kontra tieghu."*[10]

Fuq kollox, ir-reazzjoni tal-konvenut meta nduna bl-izball, issarrfet fil-prezentata immedjata tar-risposta guramentata tieghu li, del resto, giet prezentata entro t-terminu indikat fuq l-istess rikors guamentat. Dawn l-azzjonijiet tal-konvenut ilkoll juru li huwa ma setax kellu l-intenzjoni li juri xi nuqqas ta' rispett jew dizubbidjenza lejn is-sejha tal-qorti. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax tirravviza nuqqas kopluz fit-tifsira mhaddna pacfikament mill-gurisprudenza fuq citata.

B'zieda ma' dak premess, il-Qorti tqis illi l-konvenut seta' kien ukoll zvijat bl-avviz fir-rikors guramentat fejn gie mwissi li r-risposta tieghu kellha tigi pprezentata entro 20 jum min-notifika. Kif diga` ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza ***Helen Milligan vs. Anthony Xuereb***:-

*"L-avviż li ngħatat, li jgħidilha li kellha għoxrin jum biex twieġeb, qarraq bl-attriċi u għalhekk ma tistax titqies kontumaċi jekk wieġbet fiż-żmien indikat lilha fl-avviż."*[11]

Ghalkemm ic-cirkostanzi ta' dak il-kaz appena citat kienu differenti in kwantu kienu jittrattaw dwar risposta ghal kontro-talba mressqa mill-konvenut meta l-istess konvenut ma kienx oggezzjona waqt l-ewwel smigh wara n-notifika tar-rikonvenzjoni, ghall-fatt li l-attrici ma pprezentatx ir-risposta taghha sal-hin li ssejhet il-kawza, din il-Qorti taqbel illi f'kull kaz, l-avviz li inghata mill-attur stess fir-rikors guramentat li bih l-attur iwissi lill-konvenut dwar il-konsegwenzi li jista' jkollu n-nuqqas tieghu li jwiegeb fil-forma u fit-terminu hemm indikat, mhux talli induca fil-konvenut il-konvinciment li r-risposta tieghu kellha tigi pprezentata entro 20 jum, talli ma indika ebda eccezzjoni ghal din ir-regola. Il-konvenut ma jistax ikun mistenni li jaf *di proprio* bid-deroga ghal din ir-regola.

---

[10] ***Constantino Abela vs George Azzopardi***, Appell Civili deciza 22 ta' Mejju 1990.

[11] 109/2011, Appell Civili deciz 30 ta' Mejju 2014.

Ferm il-premess, jidher li f'kull kaz ma jistax jigi nnegat li l-konvenut odjern, meta gie notifikat bir-rikors guramentat ta' l-attrici, osserva din it-twissija *ad letteram* billi mar ghand avukat biex jehodlu hsieb il-kawza u jidhrilu fl-udjenza. Il-konvenut ma jistax jitqies li kien traskurat fl-imgieba tieghu u zgur ma kienx mistenni illi jkun jaf *di proprio* bid-deroga ghar-regola stipulata fl-imsemmi avviz u kwindi bid-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 158(13) u l-applikabbilita` taghhom ghall-kaz tieghu fejn id-data ta' l-ewwel smigh inzertat qabel l-gheluq tat-terminu indikat fl-avviz. Dan semmai kien kompitu ta' l-avukat tieghu. Ghalhekk il-konvenut ma ghandux ibati l-konsegwenzi tal-kontumacja f'din il-kawża b'riżultat ta' zball ta' xi haddiehor li ma jahtix ghalih hu. Jinsab deciz hekk in propositu:-
*"F'dan ir-rigward, il-Qrati tagħna għarfu bejn dawk il-każijiet fejn l-imġiba ta' avukat imqabbad tempestivament mill-parti mħarrka wasslet biex din taqa' kontumaċi (f'liema każ il-Qorti normalment tippermetti li l-imħarrek jitħalla jikkontesta l-kawża) minn dawk fejn il-parti mħarrka ma tersaqx għand avukat f'waqt xieraq, jew tibqa' tittrattjeni sal-aħħar, jew tonqos li tikkomunika kif imiss ma' avukat b'impenn serju li ma tħallix iż-żmien għat-tressiq tat-Tweġiba Maħlufa jitħalla jgħaddi għal xejn."*[12]

Finalment, issir referenza ghas-sentenza mill-iktar relevant in materja, li giet citata mill-konvenut fis-sottomissjonijiet orali tieghu quddiem din il-Qorti, fl-ismijiet ***Paul Buhagiar et vs Joseph Cassar et***[13], fejn l-element ta' kontradittorjeta` bejn ir-rekwiziti ta' l-Artikolu 156(1)(d) u r-rekwiziti ta' l-Artikolu 158(13) f'kaz li jikkonkorru c-cirkostanzi kontemplati fl-istess subinciz (13), giet sottolinejata mill-Qorti ta' l-Appell:-

*"Barra minn hekk, ladarba l-konvenuti kienu mgħarrfa, fir-rikors maħluf stess, illi kellhom għoxrin jum min-notifika biex iwieġbu, il-lejalta` fil-litigazzjoni kienet titlob illi ma jitħallewx li jiġu mqarrqa b'dak l-avviż, u li kellhom jingħataw l-opportunita biex iwieġbu ukoll li kieku l-art. 158(13) kien igħodd għall-każ.*

*"Inċidentalment, dan l-episodju juri illi l-avviż li l-art.156(1)(d) irid li jingħata lill-konvenut ma huwiex kompatibbli mal-art. 158(13) u jidher illi huwa meħtieġ intervent leġislativ biex l-avviż jingħata f'forma differenti f'każijiet fejn japplikaw l-artt. 158(13) u 195(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għalhekk il-qorti qiegħda tordna notifika ta' din is-sentenza lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati."* [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

---

12 ***Market Handle Limited vs Farenheit Freight Forwarders Limited et***, deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Jannar 2012.

13 Appell Civili Numru 986/2008, deciz 25 ta' Novembru 2011.

In-nuqqas tal-konvenut fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, li jipprezenta r-risposta guramentata entro t-terminu kontemplat fl-Artikolu 158(13), hija altru minn gustifikata u fejn hemm gustifikazzjoni, ma hemmx kontumacja.

Ghaldaqstant, fuq l-iskorta ta’ din il-gurisprudenza l-iktar recenti, il-Qorti tqis illi l-konvenut ma huwiex kontumaci.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tiddeciedi li l-konvenut mhux kontumaci, tichad ir-rikors ta’ l-attrici ta’ l-14 ta’ Awwissu 2017 ghall-isfilz tar-risposta guramentata pprezentata mill-istess konvenut u tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-attrici rikonvenzjonata fir-risposta mahlufa taghha tal-21 ta' Awissu 2017.

B’applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-ispejjez ta’ dan l-episodju jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**